10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 44**

**2 ta' Lulju 2026**

Il-laqgħa numru 44 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-25 ta' Ġunju 2026 fil-17. 0 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sa Roberta Sultana

Is-Sur Darren Grech

Is-Sur Karl Carabott

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**:

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Tiffany Abela | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa Lorna Sultana | Accountant |

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija imma s-Sur Stephen Sultana kien avża li ġej ftit tard.

## 2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

Laqgħa 41
Joe Vella irrimarka li Stephen Sultana kien imniżżel fl-ittri tal-apoloġija meta hu kien preżenti. Din ġiet korretta dak il-ħin stess. Joe Vella ikkummenta li fl-iskema SPI/SCI/02/2021 kien hemm bżonn li jissemma li l-playground kien dak ta' Guże Flores.

## 3. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 448, u Petty Cash

Joe Vella saqsa x'kienu l-pagament 2571, u 2572. Is-segretarju spjegat li dawn kienu l-ħlasijiet għal kirjiet tal-public convenience u dar f'Misraħ il-Barrieri.

Hawnhekk il-kunsillier Darren Grech skuża ruħu u telaq mil-laqgħa.

## 4. Kommunkiazzjoni mis-Sindku

**a. GreenPak** – is-sindku spjega li l-kunsill irċieva sit b'suġġeriment minn naħa tal-GreenPak minħabba rilokazzjoni tal-ibins però dan kien qiegħed quddiem sit li ser tinbena f'Pjazza Franka u għalhekk is-Segretarju infurmat b'dan lil GreenPak. Huma kellhom jiġu b'suġġerimenti oħra. Mid-data li s-segretarju ġabret mir-Reġjun Nofsinhar, ġie innotat li fejn qegħdin bħalissa l-Ibins kien żdied aktar il-metall. Dan seta' kien minħabba li dawn jinsabu f'post industrijali

Lawkat

**b. Talba min-Nursery** – Is-Sindku qara l-email li intbagħtet minn nursery fejn kienet issemmiet iċ-ċifra ta' Euro 1400 għal ħlas ta' trophies għal players. Joe Vella qal li hu kien qed jara ċ-ċifra naqra eċċessiva, u l-kunsill qabel ma' dan. Għalhekk ġie deċiż li l-kunsill jitlob aktar informazzjoni fuq dan.

**ċ. Student tal-ICT** – is-Sindku informa li id-diviżjoni kienet ser tipprovdi student sabiex jgħin fl-operat.

**d Ħarġa Anzjani** – is-Sindku qal li kien qed jissuġġerixxi ħarġa għal-anzjani għal Għawdex nhar it-30 ta' Lulju. Il-Kunsilliera ħasbu li din aħjar tiġi posposta minħabba sħana.

**e Course Achieve – skills on Local Governance** – Is-Sindku informa li l-kunsill kien irċieva email fuq dan il-course u li segretarja kienet interessat. Bħala ħlas għal dan il-course kienet ser tuża l-grant tat-training li ħarġet mid-diviżjoni tal-gvern lokali.

**f Kommunikazzjoni mis-Soċjeta Filarmonika Santa Venera** – is-sindku informa lil-kunsilliera lis-Soċjeta xtaqet tinforma lill-Kunsill li kienet ser tkun imsiefra waqt Ġimgħa Santa Venera is-soċjeta kienet ser tkun imsiefra imma xtaqet xorta tonora l-obbligi tagħha waqt din il-Ġimgħa partikolari.

**g Skema Festa** – Is-sindku issuġġerixxa li l-preżentazzjoni ta' din l-iskema issir waqt ir-riċevimenti tal-festa. Però Silvio Vella issuġġerixxa li din il-preżentazzjoni issir nhar it-13 ta' Lulju 2026. Kulħadd qabel ma dan. Joe Vella ikkummenta li fil-knisja l-antika qed issir restawr tal-Via Sagra u kien hemm appell għal fondi min-nies sabiex itaffi l-ispiża tar-restawr. Is-Sindku qal li hu ma jaħsibx li l-kunsill għandu jidħol għal din l-ispiża, peress li l-knisja kienet offruta li jidħlu għal iskemi u dejjem irrifjuta.

**ġ Email suġġeriment tal-Santa Venera Lightings – festa tfal** - is-Sindku informa li l-klabb offra li jagħmel festa tfal permezz ta' pool fil-ground. Fuq dan kien hemm qbil.

**għ** **Dramm** – is-sindku qal li kellu talba mingħand persuna fil-lokalita sabiex filmkien mal-kunsill jittella dramm. Il-Kunsill iddeċieda li s-segretarja għanda titkellem mal-persuna sabiex tinkiseb aktar informazzjoni.

**h** **Proposta Minn Joe Vella** – Joe Vella ressaq proposta sabiex is-siġar storiċi li hemm fil-ġnien jiġu msemmija bl-ismijiet tagħhom minn uffiċjal ta' Ambjent Malta. Fuq dan kien hemm qbil. Joe Vella għamel suġġeriment ukoll li issir 'Drinking Water Fountain' għal diversi persuni li jmorru jimxu fil-ġnien. Fuq dan kien ser jiġi mitkellem il-perit.

**ħ** **Risposta minn Fondazzjoni Wirt Vendriż** – is-Sindku qara r-risposta tal-Fondazzjoni wara li s-Segretarju Eżekuttiv kienet bagħtet għal aktar klarifiċi u *'costings'*. Għalhekk il-kunsill kien qed jistenna li jitkompla l-proġett tal-bust.

**i** **Rikjesta għal bus shelter** – is-sindku qara email fuq rikjesta għal bus shelter fi Triq il-Kanun quddiem il-pompa tal-petrol. Din ir-rikjesta kienet ser titmexxa għand il-Faces u l-AKL.

**j** **Rapport tal-Perit fuq id-day centre** – is-sindku qara rapport tal-perit fuq il-valur tal-kiri tad-day centre. Dan ġie ħafna iktar mill-prezz kwotat mis-sid u għalhekk il-kunsill aċċetta li jimxi bil-proċedura ta' ordni diretta għal approvazzjoni .

k **Enemalta** – is-sindku qal li bħalma l-kunsill ġie infurmat ftit taż-żmien ilu, l-Enemalta, kienet ser tibdel il-bozoz għal dawk LED. Minħabba li l-Enemalta kienet ser tipprovdi biss 3m ta' cable kif ukoll il-bozza LED. Il-kunsill kien ser jiffaċċja spiża hekk ikun hemm bżonn ta' aktar cables kif ukoll hekk ikun hemm il-bżonn li jinbidlu l-isolators. Il-kunsill ma kienx ser ikollu mezz kif jivverifika li dawn ix-xogħolijiet extras kienu vera bżonn u li vera sar it-tibdil tagħhom. Għalhekk il-kunsill kien ser jitlob laqgħa mal-Enemalta fuq dan.

l **Kors tal-Arti** - is-sindku informa lil-kunsilliera li l-użu tar-razzett għal kors tal-arti għat-tfal bl-awtiżmu ma kienx possibbli li jsir fit-15.30 wara li Ecoskola u għaldaqstant kien qed jitlob laqgħa mal-Wasteserv u Ecoskola.

m **Festa 2026** – is-sindku spjega l-għeluq tat-toroq kif ukoll il-programm li kien qed jiġi mitlub mill-għaqdiet.

**5 Tender – Contract Manager**

Is-Sindku spjega li l-evalwazzjoni tat-tender għal-contracts manager ingħalaq u l-bord kien qed jirrakkomanda lill-kumpanija ICC li kienet offriet l-irħas tender, u li kien ukoll teknikament konformi. Għaldaqstant il-kunsill aċċetta ir-rakkomandazzjoni tal-bord.

**6 Nameplate għal ministeru fi Triq Qormi**

Is-Sindku ressaq proposta mill-ministeru tal-enerġija sabiex titwaħħal name plate flok dog bin. Din il-proposta ma ntlaqatx mill-kunsill.

**7 Tibdil fl-iskema SPI/SCI/05/2026**

Is-Sindku qal li fil-laqgħa ta' qabel din l-iskema kien allokata għas-sienja, però peress li issa il-kunsill għandu devoluzzjoni tal-Binja f'Misraħ il-Barrieri, s-sindku kien qed jipproponi li din l-iskema tmur sabiex il-binja tiġi irranġata u miftuħa għal użu tal-komunità Vendriża. Fuq dan kien hemm qbil.

**8 Festa 2026**

Is-Sindku qal li dan l-item kien diġà ġie diskuss waqt il-komunikazzjoni tas-sindku u għalhekk mexa għal l-item li jmiss.

**9 Slow streets**

Is-Sindku qal li l-Vendriżi Ċkejknin, xtaqu jagħmlu slowstreets by night u jinvolvu l-klabb tal-boċċi. Bħala data kienet intgħażlet il-Ħadd 20 ta' Settembru. Fuq dan kien hemm qbil.

**10 Mozzjoni – Devoluzzjoni**

Is-Sindku preżenta dawn il-mozzjonijiet.

A Mozzjoni għad-devoluzzjoni ta' dar fi Triq il-Kbira San Gużepp li tinfed ukoll fi Triq Braille għall-użu tal-komunità – Is-sindku qara din il-mozzjoni. Karl Carabott qal li hu, Roberta Sultana u Joe Vella fil-mozzjoni tagħhom għal-librerija kienu issuġerixxew din il-binja u għalhekk huma kienu favur. Stephen Sultana qal li l-kunsill irird jikkunsidra li hekk din il-binja tiġi devoluta lilu, irid jieħu ħsieb tal-manutenzjoni tagħha. Fuq din il-mozzjoni kien hemm qbil unanimu

B Mozzjoni għal talba għad-devoluzzjoni ta' Għalqa fi Triq il-Kanun Santa Venera għall-Ħolqien ta' Spazju Miftuħ għal komunità - Is-sindku qara din il-mozzjoni u li fuqha kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera.

Ċ Mozzjoni għad devoluzzjoni għal sit fi Triq il-Kbira San Guzepp ħdejn il-Kunsill Lokali sabiex tinbena bl-għajnuna tal-Komunità – Is-Sindku qara din il-mozzjoni. Joe Vella ikkumneta li forsi din is-sit tista' issir annex għal Day Centre li fih ikollu ukoll Dementia Centre bil-għajnuna tad-dipartiment tal-Anzjanita Attiva. Fuq dan kien hemm qbil.

D Mozzjoni għad-devoluzzjoni ta' għalqa fi Triq Kappillan Mifsud għal-ħolqien ta' Dog Park u spazju miftuħ għal-komunita – Is-Sindku qara din il-mozzjoni li fuqha kien hemm qbil mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 11 Door numbering – Triq Vincenzo Bugeja

Is-Sindku talab lill-viċi sindku sabiex jispjega dan l-item. Il-Viċi Sindku spjega li f'din it-triq kien qed jinħoloq inkonvenjent kbir għar-residenti peress li kien hemm l-istess numri f'din it-Triq in-naħa ta' Santa Venera li huma l-istess bħal dawk għan-naħa tat-Triq li tagħmel parti mal-Ħamrun. Għalhekk il-viċi sindku qal li l-kunsill kellu jitkellem mal-kunsill tal-Ħamrun sabiex flimkien issir pressjoni sabiex ikun hemm tibdil fin-numri.

## 12 Crafts Corner

Is-Sindku qal li din l-item kienet ġiet diskussa waqt il-komunikazzjoni mis-sindku.

## 13 Avukat tal-Kunsill

Is-Sindku informa li l-avukat tal-kunsill kien laħaq Maġistrat. Il-kunsill qabel li peress li Tender skada, dan ma jiġix imġedded u l-kunsill setgħa jagħżel l-avukat li jaħdem bih skond il-każ li jkollu bżonn. Fuq dan kien hemm qbil.

## 14 Kwereli

Is-Sindku ta' update fuq il-kwereli fejn beda jinstema' l-każ.

## 15 CFQ Trasport Anzjani

Il-kunsill qabel li dan kellu jiġi mħassar u jiġi irranġat għal jumejn. Għaldaqstant is-CFQ kien ser jitwaqqaf u jinbidlu termini tal-kundizzjonijiet.

## 16 Transport Malta

Is-sindku ippreżenta applikazzjoni għal Parkeġġ Personalizzat fi Triq Vinċenzo Bugeja. Is-sindku qal li hu kien talab verifika lil CRPD fejn dawn ikkonfermaw li l-applikazzjoni ma

kellhomx permess għal blue badge minn naħa tagħhom. Għaldaqstant il-kunsill qabel li din it-talba ma tiġix aċċettata.

Is-Sindku ippreżenta applikazzjoni ta' parkeġġ riservat fi Triq Patri Franġisku Grech li peress li kien hemm il-garaxxijiet kienet ser issir fi Triq Emmanuel Attard. Fuq dan kien hemm qbil

Is-Sindku ippreżenta applikazzjoni għal parkeġġ riservat fi Triq Qalb Imqaddsa. Fuq dan kien hemm qbil.

Is-Sindku ippreżenta ukoll applikazzjoni għal un/loading bay fi Triq Galanton Vassallo. Fuq dan kien hemm qbil.

Is-sindku qal li l-konservatorju Vinċenzo Bugeja xtaqu li issir junction box quddiemhom fi Triq il-Kbira San Guzepp. Il-Kunsill qabel li din tiġi mgħoddija lil Transport Malta/

**17 Byelaw – Commercial Trucks**

Is-Sindku qal li xtaq li segretarju tibda l-proċess sabiex tara jeżistux byelaws fuq trakkijiet kummerċjali sabiex high-ups, vannijiet kummerċjali u oħrajn ma jitħallewx fit-toroq. Dan għad-detriment tas-sigurta' għal minn ikun qed jgħix f'dik it-triq. Fuq din il-kunsill qabel.

**18 Audited Financial Statements**

L-Accountant is-Sa Lorna Sultana qalet li l-cost mill-Unaudited Financial Statements naqas meta tara l-Audited Financial Statements minn 99K għal 89, 569K. Din id-differenza, kienet minħabba li kien hemm xi invoices tas-sena 2025, rigward il-Milied li ma daħlux fi 2025. Kien hemm ukoll xi skemi u xi set-off mal-ARMs. Roberta Sultana staqsiet kif inhi sitwazzjoni minħabba deferred income, u segretarju wieġbet li kellha laqgħa mad-DLG fejn talbu li jsir kuntatt mar-Reġjun għal aktar informazzjoni.

Joe Vella ikkummenta li road marking tela sostanzjalment. Hu qal ukoll li depreciation niżlet ħafna. L-accountant spjegat li peress li deferred income ma kienx ġie allokat lil grant

speċifika kienet qed toħloq problema anke fid-depreciation peress li matul is-snin kien żid il-cost.

Dawn l-Audited Financial Statement kienu approvati mill-kunsilliera u iffirmati mis-Sindku u Segretrarju Eżekuttiv.

## 19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ġiet fi tmiema għal ħabta ta 2000. Il-Laqgħa li jmiss kienet ser issir nhar it-3 ta' Awwissu 2025 fil 17.00 fil-binja tal-kunsill.